PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

31 t'Ottubru, 2021

# TAMA FIĊ-ĊIMITERJU

Fix-xahar ta' Novembru aħna nżuru ċ-ċimiterju biex nuru r-rispett tagħna u nitolbu għall-għeżież tagħna li marru qabilna. Iċ-ċimiterju ma għandux ikun post ta' dwejjaq. Fil-kappella taċ-Ċimiterju tal-Ħniena Divina hemm mużajk kbir u sabiħ. Il-qabar li ħiereġ minnu Ġesù għandu forma



ovali u din il-forma tfakkarna fil-lewż, meta jkun għadu fil-qoxra iebsa tiegħu. Intom tafu li l-ewwel frotta li tagħti l-fjuri jew ż-żahar tagħha fir-rebbiegħa hija l-lewża. Kif il-fjuri tal-lewż, bojod b'naqra roża, jisplodu bil-ħajja fil-bidu tar-rebbiegħa, hekk Ġesù ħareġ għall-ħajja bħala l-irxoxt ftit wara li kien indifen fil-qiegħ tal-art.

Mela jien se mmur iċ-ċimiterju u l-ewwel ħaġa li se niftakar hija li kif Ġesù rxoxta, hekk ukoll aħna se nqumu għal ħajja ġdida.

Il-mejtin tagħna huma marbutin magħna u aħna nistgħu ngħinuhom billi noffru talb għalihom. Ix-xemgħa li nixegħlu fuq il-qabar, tfakkarna li l-mewt mhix dalma. Il-mewt hija l-pass qabel ma aħna nidħlu ngawdu lill-Mulej.

Matul dax-xahar agħmlu minn kollox sabiex iżżuru ċ-ċimiterju u agħmlu talba għall-mejtin. Żommu l-post nadif. Nitolbukom sabiex ma titfgħux ward niexef, fliexken u bottijiet tax-xemgħa taħt is-siġar u l-pjanti.

MATUL IX-XAHAR TA' NOVEMBRU: fiċ-Ċimiterju tad-Duluri (ta' Kenuna) ikun hemm quddiesa fis-6:30am kull nhar ta' Sibt, it-Tnejn u t-Tlieta. Nhar it-Tlieta 2 ta' Novembru jkun hemm quddiesa fiċ-Ċimiterju tal-Ħniena Divina wkoll. Fiċ-Ċimiterju tal-Ħniena Divina jkun hemm quddiesa fl-4:00pm kull nhar ta' Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa.

Fil-Ħdud matul Novembru l-quddiesa tibqa' ssir fis-7:30pm.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**AVVIŻI:**

**ĦIN TAX-XITWA:** f'dan il-Ħadd 31 ta' Ottubru, naqilbu għall-ħin tax-xitwa.

**IL-BAMBIN TA' SPANJA:** il-lotterija tal-Bambin ta' Spanja se tittella' wara l-quddiesa tat-tfal fid-9 ta' Novembru. Ikun it-Tlieta. F'dan il-jum ukoll se jittella' Bambin tal-Milied għat-tfal li jkunu preżenti.

**QRAR FL-1 U FIT-2 TA' NOVEMBRU:** fl-1 ta' Novembru se jkollna saċerdot minn barra l-parroċċa jqarar bejn l-4:30pm u s-7:00pm. Imbagħad l-għada, it-Tlieta 2 ta' Novembru jerġa' jkun hawn għall-qrar mit-8:00am sad-9:30am u mill-4:30pm sas-7:00pm. Napprofittaw minn dawn il-mumenti li fihom inkunu nistgħu nirrikonċiljaw ruħna ma' Alla.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tavża li nhar il-Ħamis 4 ta' Novembru se tattendi għall-quddiesa fiċ-ċimiterju tal-Ħniena Divina. Iqaddes Fr Roberto Gauci fejn ser jagħti spjegazzjoni dwar il-mużajk ta' ġol-kappella. Tluq fid-9:30am minn quddiem iċ-Ċentru. Wara mmorru r-Ramla. Dawk li ġejjin javżaw fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**IS-SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 5 ta' Novembru, fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar, wara l-quddiesa tal-5:00pm. Kulħadd huwa mistieden biex flimkien nitolbu lil Ġesù jħenn għalina u għad-dinja kollha.

**LAQGĦA TAL-ĠUVINTUR/OLD BOYS FIL-MUSEUM TAS-SUBIEN:** il-laqgħa ta' kull xahar tal-ġuvintur/old boys fil-Museum ser terġa' tibda ssir minn nhar is-Sibt 6 ta' Novembru fis-7:30pm. L-ewwel laqgħa se tkun quddiesa għal ruħ dawk iż-żgħażagħ kif ukoll dawk li kienu jattendu għal din il-laqgħa matul is-snin u llum m'għadhomx magħna. Peress li l-quddiesa ser issir ġewwa hemm bżonn li tintlibes il-maskra. Din il-quddiesa tkun tgħodd ukoll għall-Ħadd. Mela ħabib nieħdu gost nerġgħu nibdew narawk fostna. Jekk jogħġobkom għaddu din l-istedina lill-ħbieb u familjari tagħkom.

**FESTA TA' SAN KORONATU:** f'dawn il-jiem qegħdin inqassmu l-envelopes biex tkunu tistgħu tagħtu l-offerta tagħkom għall-festa ta' San Koronatu Martri. Nitolbukom tgħinu mill-aħjar li tistgħu.

**IL-LEĦEN:** bħalissa qegħdin niġbru l-abbonamenti għas-sena 2022. Il-ħlas huwa ta' €45. Nitolbukom timlew il-formola li hemm f'*Il-Leħen* stess u ġġibuha fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**IL-KUMITAT TAL-BANDA:** se jorganizza high tea kbir nhar it-Tlieta 2 ta' Novembru fil-każin tal-Banda. Jibda fis-7:00pm.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am